L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – Livell 1-2-3 Is-Smigħ |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Madwar 25 minuta |

## IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**Is-Smigħ** **(Total: 20 marka)**

### Il-Proċedura:

1. Il-kandidati jiġu mistiedna jaraw l-eżerċizzji li huma mistennija li jaħdmu fuq dik it-taqsima biss. Jingħataw madwar 5 minuti.
2. Il-kandidati jisimgħu l-qari tas-silta għall-ewwel darba, li jieħu madwar 5 minuti. Waqt dan il-qari, il-kandidati jistgħu jaħdmu l-eżerċizzji u/jew jieħdu xi noti.
3. Kif jintemm il-qari, il-kandidati jingħataw 5 minuti biex jaħdmu l-eżerċizzji. Il-mistoqsijiet u l-istruzzjonijiet ma jinqrawx.
4. Terġa' tinqara s-silta kollha għat-tieni darba u matulha l-kandidati jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu/jimlew dak li ħallew vojt.
5. Jingħataw l-aħħar 5 minuti biex il-kandidati jtemmu l-eżerċizzji.

### Il-Korrezzjoni u l-Għoti tal-Marki

Il-korrezzjoni tal-eżerċizzji ssir skont l-iskema tal-marki pprovduta u l-kriterji msemmijin fis-sillabu. F'din l-iskema, barra t-tweġibiet tajbin tal-mistoqsijiet, jinstabu wkoll xi kummenti u linji gwida għall-eżaminaturi biex jgħinuhom fil-korrezzjonijiet tagħhom.

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**It-Tiġrijiet tad-Dgħajjes f'Malta**

Il-qdif ilu mill-eqdem żminijiet meqjus bħala l-iżjed sport popolari fostna l-Maltin. Dan kien l-uniku sport magħruf tal-baħar, li fih, kull qaddief ried juri l-kapaċità individwali tiegħu, kemm f'saħħtu kif ukoll f'ħiltu. Dan, mhux biss biex jakkwista l-unuri li toffri kull korsa, iżda wkoll ir-rispett ta' ħafna dilettanti, li fil-bidu tas-seklu l-ieħor, kienu fanatiċi kbar ta' dawn it-tiġrijiet.

Dan l-isport, barra li jitlob sagrifiċċju kbir mill-qaddiefa, jeħtieġ ukoll serjetà mill-partitarji tagħhom, li fl-imgħoddi kienu aktar kotrana milli huma llum. Kull qaddief ried mhux biss juri ħiltu waqt il-provi, li għalihom kienu jattendu għadd kbir ta' barklori jew sidien tad-dgħajjes, iżda ried jissielet bl-aħrax biex jibqa' jżomm postu fid-dgħajsa jew firilla minn sena għal oħra.

Normalment, ħafna mill-qaddiefa jibdew it-taħriġ tagħhom flimkien, xi xahar u nofs qabel il-Vitorja. Dan it-taħriġ kien meħtieġ mhux għax ma kinux jafu jaqdfu, iżda biex jidraw lil xulxin, u forsi jekk ikun hemm bżonn, jirranġaw l-armar tal-opra. Meta l-ekwipaġġ magħżul ikun qadef flimkien f'xi tiġrija oħra, allura ma jibdewx kmieni. Iżda meta jinbidlu xi qaddiefa jew l-ekwipaġġ ikun kollu ġdid, allura bilfors riedu jitħarrġu minn kmieni.

Jista' jkun li fl-ewwel tiġrijiet li saru, il-barklori ta' dak iż-żmien kienu aktar iħarsu lejn il-premju ta' flus milli lejn l-unur ta' belthom. Iżda mal-milja tas-snin, meta bejniethom bdiet dieħla l-pika, it-tiġrija bdiet tfisser xi ħaġa akbar għalihom. Is-sens patrijottiku daħal f'demmhom u għalhekk ir-rebħa tal-korsa bdiet tiġi qabel kull premju li seta' jintrebaħ.

U la qed insemmu l-flus, ara ma jkunx hawn xi ħadd li jaħseb li fit-tiġrijiet ta' madwar mitt sena ilu, kienu jingħataw xi premjijiet kbar ta' flus. Mhijiex ħaġa kbira li f'dawk iż-żminijiet, kull ammont ta' flus li jintrebaħ, kien jinqasam bejn l-erba' qaddiefa, jekk ma jiħux sehmu wkoll sid id-dgħajsa. Iżda madankollu, jekk sehemhom ma kinux jiħduh kollu d-dar, għax parti minnu jonfquha nbid ma' sħabhom, dejjem ikollhom xi ħaġa żejda għall-familja.

Maż-żmien, it-tiġrija saret l-uniku avveniment li l-barklori kienu jistennew b'ħerqa kbira minn sena għal oħra. Il-ħeġġa li jikkontestaw kull korsa kontra barklori ta' distretti oħra tat ħajja ġdida mhux biss lill-qaddiefa, li b'rivalità kbira jikkontestaw kull korsa, iżda wkoll lill-imgħallmin tal-opri tal-baħar, li bdew jaħdmu opri sbieħ u eħfef għat-tiġrija.

*(Silta addattata mill-ktieb L-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja, ta' Joseph Serracino, 1983)*

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – Livell 1-2-3 Is-Smigħ |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Madwar 25 minuta |

**IL-KARTA TAL-KANDIDAT**

**Taqsima A: Is-Smigħ** **(Total: ☐ / 20 marka)**

Wieġeb skont kif mitlub.

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba skont dak li smajt.

Il-qdif huwa sport li fih kull qaddief irid ikollu

a. ħeffa u għaqal.
b. saħħa u ħila.
ċ. kuraġġ u tama. (1)

2. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

Fil-bidu tas-seklu l-ieħor, id-dilettanti tat-tiġrijet kienu

a. ħafna u entużjasti immens.
b. ftit nies li jsegwu mill-inqas.
ċ. il-qaddiefa u s-sidien tad-dgħajjes biss. (1)

3. Qabbel il-kolonna A mal-kolonna B skont dak li smajt fis-silta.

| KOLONNA A | | | KOLONNA B |
|---|---|---|---|
| a. | Il-qdif kien jeħtieġ | | sidien tad-dgħajjes josservaw lill-qaddiefa. |
| b. | Kull qaddief ħtieġlu | | sagrifiċċju mill-qaddiefa u serjetà mill-partitarji. |
| ċ. | Waqt it-taħriġ kont issib | | taħriġ minn kmieni qabel it-tiġrijiet. |
| d. | Ekwipaġġ ġdid ried | | jirsisti biex jibqa' jaqdef mal-istess dgħajsa. |

(4)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

4. a. Għalfejn kien hemm bżonn li qabel jibdew it-tiġrijiet, il-qaddiefa jitħarrġu flimkien? Semmi **ŻEWĠ** raġunijiet.

i. ______________________________

ii. ______________________________ (2)

b. Għalfejn il-barklori tal-lum ikunu jridu jirbħu t-tiġrija, b'differenza mill-barklori ta' żmien ilu?

______________________________

______________________________ (1)

5. a. Kif kien jinqasam il-premju ta' flus li jintrebaħ mit-tiġrija?

______________________________

______________________________ (2)

b. Semmi mod **WIEĦED** kif il-qaddiefa kienu jonfqu l-flus li jirbħu mit-tiġrija.

______________________________

______________________________ (1)

6. Ikteb jekk hux Veru jew Falz.

| | **Veru jew Falz** |
|---|---|
| a. Il-familja tal-qaddief kienet tifraħ meta dan jirbaħ xi tiġrija. | |
| b. Daħal sens qawwi ta' pika u patrijottiżmu fit-tiġrijiet ta' dawn l-aħħar snin. | |
| ċ. Il-bennejja tad-dgħajjes baqgħu jibnu d-dgħajjes tat-tiġrija bl-istess mod bħal qabel. | |
| d. Hemm ċertu korsi aktar missielta mill-qaddiefa minn oħrajn. | |

(4)

7. a. Agħti t-tifsira tal-kelma "opra/opri", skont kif użata fil-kuntest tas-silta li smajt.

______________________________ (1)

b. Ikteb osservazzjoni **WAĦDA** li tikkonkludi fuq id-divertimenti soċjali tan-nies fl-imgħoddi skont dak li smajt fis-silta.

______________________________ (1)

8. X'taħseb li huwa l-valur ta' din is-silta llum il-ġurnata?

______________________________

______________________________ (2)

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – Livell 1-2-3 |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Siegħa u 40 minuta |

**Taqsima B: Il-Kitba** **(Total: ☐ | 20 marka)**

**Ikteb bejn 240-300 kelma fuq WIEĦED minn dawn it-titli:**

1. Importanti li dejjem napprezzaw il-wirt kulturali Malti, kif ukoll il-lingwa. Ikteb **intervista** ma' espert f'dan il-qasam sabiex jurina għaliex il-Maltin għandhom japprezzaw dak kollu li jagħtina identità.
2. Fost il-ħafna ħbieb virtwali li għamilt din is-sena, wieħed minnhom dejjem qistu bħala l-iktar viċin tiegħi, sakemm darba rċivejt messaġġ li ħassibni mhux ftit. Kompli dan ir-**rakkont fittizju**.
3. Malta qed tiżdied sewwa fin-numru ta' ħaddiema barranin. Ikteb **editorjal** f'gazzetta lokali biex tagħti l-fehmiet tiegħek fuq dan is-suġġett.
4. Għadu kif ħareġ film ta' azzjoni li qiegħed fuq fomm kulħadd. Inti kritiku tal-films u kont wieħed minn dawk li rajtu. Ikteb **reċensjoni** ta' dan il-film.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

TIKTIBX F’DAN L-ISPAZJU

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Taqsima Ċ: Il-Qari** **(Total: ☐ | 20 marka)**

**L-Ewwel Alfabett**

Sa minn meta beda jinkiteb il-Malti, taf x'kienet l-ikbar problema?

Li biċċa minnu kienet ġejja mill-Għarbi, u l-biċċa l-oħra mit-Taljan u l-Isqalli. L-Għarbi u t-Taljan ma jinkitbux l-istess. Għandhom ittri u ħsejjes differenti, alfabetti differenti u biex tkompli tgħaxxaqha, l-Għarbi jinkiteb mil-lemin għax-xellug, u t-Taljan mix-xellug għal-lemin. Peress li l-lingwa uffiċjali kienet it-Taljan, u n-nies tal-iskola Maltin kienu diġà jafu jiktbu bit-Taljan, kien jagħmel sens li jimxu l-aktar fuq l-alfabett Taljan... imma mbagħad kif se tikteb dawk l-ittri li ġejjin mill-Għarbi u li m'hemmx fit-Taljan - bħall-*għ*, pereżempju, imma anke l-*ħ*, iċ-*ċ*, il-*q* u l-*w*? Problema.

Naturalment, sakemm ma kienx hemm alfabett li jaqbel fuqu kulħadd, kulħadd kien isib is-sistema tiegħu. U – kważi kważi m'għandix għalfejn ngħidha din – la ma kienx hemm sistema waħda nistgħu nimmaġinaw kemm kien ikun hemm taħwid.

Mitt bniedem, mitt alfabett, nistgħu ngħidu. Xi mkien qrajt li b'kollox, matul is-sekli u d-deċennji, ġew imressqa/suġġeriti/proposti xejn inqas minn **38 alfabett differenti!**

*(Bejnietna, imnalla li sa żmienna laħqu qablu fuq alfabett wieħed, għax kieku min jaf x'ġenn u paniku u stress kien ikollna waqt il-lezzjoni tal-Malti!)*

Imma min kienet l-ewwel persuna li ppruvat issawwar alfabett għall-ewwel darba bis-serjetà, fuq sisien sodi u xjentifiċi?

Ħadd ħlief il-kbir, l-uniku, u l-inimitabbli, is-supereroj tal-Malti:

**MIKIEL ANTON VASSALLI**

Vassalli kien dak li nduna li għalxejn twaħħal plakka bit-Taljan li twissi lin-nies biex ma jidgħux, jekk in-nies la kienu jafu jaqraw u lanqas jifhmu bit-Taljan. Elementari, le? U minn hemm nibtet il-ħolma ta' Vassalli, a la Martin Luther King:

> **Noħlom li l-Maltin xi darba jqumu fuq saqajhom, jaqbdu r-riedni tat-tmexxija u jsiru nazzjon għalih, indipendenti. Imma biex isir hekk, l-ewwel u qabel kollox jeħtieġ li l-poplu jitgħallem jaqra u jikteb bi lsienu, bil-Malti.**

U ma baqax joħlom biss. Xammar il-kmiem. Fassal proġett ta' edukazzjoni għal kulħadd, ippropona li jitwaqqfu aktar skejjel (li dak iż-żmien kienu ftit), u kien l-ewwel wieħed li beda jaħdem fuq l-iżvilupp tal-lingwa Maltija b'mod xjentifiku u professjonali, b'referenza għal dak li kien qed jiġri fl-Italja u fl-Ewropa.

U bi proġett bħal dak f'moħħok, minn fejn taqbad tibda? Ovvja, mill-alfabett.

Fl-1790 Vassalli stampa ktejjeb żgħir ta' 24 paġna: *Alfabet Malti Mfysser byl Malti u byt Taljan.*

*(Silta addattata mill-ktieb Mela... ta' Antoinette Borg, 2024)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba skont dak li qrajt.

a. Din is-silta tittratta l-bidu tal-(kitba/poeżija/proża) Maltija. (1)

b. Il-problema kienet li l-Malti ħallat flimkien żewġ sistemi (simili/differenti/eżatti) ta' lingwi oħra. (1)

2. a. Semmi ħaġa **WAĦDA** partikulari li għandha l-kitba bl-Għarbi.

_______________________________________________ (1)

b. Bil-frażi 'mitt bniedem, mitt alfabett', l-awtriċi trid tfisser:

_______________________________________________ (1)

3. Agħmel ☒ fil-kaxxa li ħdejha hemm it-tweġiba t-tajba skont dak li qrajt.

a. L-istudjużi Maltin għażlu l-alfabett Taljan biex jiktbu l-Malti għax:

☐ Malta hija aktar qrib l-Italja milli l-Afrika.

☐ kienu jafu jiktbu u jitkellmu sewwa bit-Taljan.

☐ il-poplu kien jifhem aktar bit-Taljan. (1)

b. L-awtriċi tgħid li maż-żmien saru 38 alfabett differenti tal-Malti.

☐ Dan huwa fatt li jsaħħaħ dak li ntqal qabel fit-test.

☐ Din hija esaġerazzjoni maħluqa biex timpressjona lill-qarrej.

☐ Din hija opinjoni tal-awtriċi bla ebda bażi ta' riċerka. (1)

4. Mill-ħjiel li hemm fil-paragrafu bil-korsiv (paragrafu 5), lejn min taħseb li hu indirizzat dan it-test?

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

5. Għaliex taħseb li l-awtriċi tikteb isem Mikiel Anton Vassalli f'nofs linja u bil-grassett?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

6. Fil-ħolma ta' Vassalli, x'kien l-aktar element importanti biex Malta tqum fuq saqajha?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

7. L-awtriċi tagħżel li tuża ton ta' djalogu ħafif u mexxej biex twassal tagħrif storiku b'mod li ma jdejjaqx lill-qarrej. Agħti **ŻEWĠ** eżempji fejn isir dan.

i. ______________________________

______________________________

ii. ______________________________

______________________________(4)

8. F'madwar **30 kelma**, ikkummenta dwar aspetti tekniċi differenti li tuża l-awtriċi fil-preżentazzjoni grafika tat-test tagħha.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (4)

**Taqsima D: Il-Metalingwa** **(Total: ☐ 20 marka)**

Il-kandidati jridu jwieġbu żewġ eżerċizzji; eżerċizzju tal-grammatika u eżerċizzju tal-ortografija.

**A. Il-Grammatika** **(10 marki)**

**Imla l-vojt skont kif mitlub fil-parentesi. L-ewwel waħda hija eżempju.**

Hawn taħt hawn deskrizzjoni tal-proċess tal-għasir taż-**żebbuġ** (nom kollettiv mill-għerq 'ż-b-ġ').

1. Il-________________ (nom verbali fis-singular minn 'ġabar') **taż-Żebbuġ**.

- Iż-żebbuġ jinġabar meta jkun ________________ (partiċipju passiv minn 'sar') (ġeneralment bejn Ottubru u Jannar).
- Il-kwalità taż-żejt tiddependi ħafna fuq kif jinġabar il-frott: l-aħjar żejt jiġi minn żebbuġ li jinġabar bl-________________ (għadd imtenni ta' 'id'), mhux minn dak li jaqa' mal-art.

2. **It-Tindif**

- Wara, iż-żebbuġ jitnaddaf biex jitneħħew it-trab, il-weraq, u l-________________ (plural miksur ta' 'fergħa').

- Jgħaddu kollox minn magna li ________________ (verb fl-imperfett miz-zokk morfemiku 'separa') dawn l-impuritajiet u ________________ (verb fis-7 forma fl-imperfett mill-għerq 'ħ-s-l') kollox b'ilma nadif.

3. **It-Tgħaffiġ**

- Iż-żebbuġ kollu (frott u għadma) jitgħaffeġ biex isir ________________ (nom fis-singular minn 'għaġen') waħda.
- Tradizzjonalment dan kien isir bil-ġebel tal-mitħna, imma llum jintużaw mezzi ________________ (aġġettiv fil-plural minn 'makkinarju') moderni.
- Kollox jitħallat bil-mod għal 20–40 minuta biex iż-żejt jinħall minn ________________________ (il-partiċella 'ma' u l-artiklu') għadma u l-laħam taż-żebbuġ.

4. **Is-Separazzjoni taż-Żejt**

- It-taħlita tidħol f'magna ċentrifugali li ________________(verb fl-imperfett fil-5 forma minn 'd-w-r') kollox b'veloċità għolja.
- Din tissepara ż-żejt mill-ilma u mis-sediment b'mod effiċjenti ħafna.
- Iż-żejt jinġabar f'tankijiet kbar tal-istainless steel.

**B. L-Ortografija** **(10 marki)**

Aqra dan il-paragrafu qasir. Fih għandek issib **ĦAMES** żbalji tal-ortografija. Agħmel sinjal taħthom u iktibhom sewwa fl-ispazju pprovdut. Għid għaliex huma meqjusa bħala żball. **L-ewwel waħda hija eżempju.**

<u>Ima</u> taf xix? Meta l-gazzetta *The Times of Malta* ħarġet għal-ewwel darba, kien jisima *Il-Progress* u kienet miktuba bil-Malti. Wara xi żmien bdew jidru fiha xi artikli bl-ingliż li żdiedu ftit ftit sakemm il-Malti sparixxa għalkollox u saret *The Times of Malta*.

(Silta mill-ktieb *Mela...* ta' Antoinette Borg, 2024)

**Eż.** 1. <u>Imma</u> għax <u>il-kelma 'imma' tinkiteb b'doppja m.</u>

2. ________________________ għax ____________________________________________________

3. ________________________ għax ____________________________________________________

4. ________________________ għax ____________________________________________________

5. ________________________ għax ____________________________________________________

6. ________________________ għax ____________________________________________________

**Taqsima E: Il-Letteratura** **(Total: ☐ 20 marka)**

**AGĦŻEL BEJN A (*Hemm Art fil-Folja*) JEW B (*Bejn Ħaltejn*)**

**A. Referenza għall-Kuntest fuq test letterarju minn *Hemm Art fil-Folja***

Aqra sewwa s-silta *Ġiżimin li Qatt Ma Jiftaħ* ta’ Oliver Friggieri u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

Anki l-ferħ tal-btajjel seta’ jħossu biss minħabba x-xhur mgħoddijin fuq il-bank tal-injam fin-naħa tax-xellug tal-klassi, biswit it-tieqa li taħtha kienet iġġib il-Ħajt tal-Mall, li ’l ġewwa minnu f’dar żgħira kienet tintrass id-dinja kollha tiegħu.

L-iskola kienet għall-inqas iġġiegħlu joħroġ ’il barra mill-għeluq tal-Ħajt u jaqsam it-triq u jsib ruħu qalb it-tfal kollha. Il-klassi kienet tfisser tlaqqigħ ta’ kulħadd, mit-tfal imwielda mal-ħoss dejjiem tal-baħar fond tal-Port il-Kbir sat-tfal li raw id-dawl mal-ħemda tal-baħar fond ta’ Taħt il-Forka. Il-baħar fond kien ħajt miftuħ, imwaqqa’. It-tfal li darba qabżu mill-akkwarju ta’ disa’ xhur f’ġuf ommhom, imħaddnin fuq kull naħa mill-baħar fond, setgħu bħallikieku jħossu li lkoll kienu sa mill-bidu wild l-ispazju kbir, l-oċean li hu wieħed. Il-Ħajt tal-Mall kien ifakkarhom fi ftit snin li l-għażla tal-bnedmin fuq l-art ma kinitx hekk. L-iskola, kif mill-bqija kienu jisimgħu lill-qassis jgħidilhom fil-knisja, kienet tfakkarhom li l-ħitan mhumiex isħeħ mill-baħar. Ilkoll kienu f’baħar wieħed. Baħar fond.

Mela ma kellux isibha bi tqila biex jifhem li fil-klassi kienu jitwaqqgħu il-ħitan li twieldu qablu, iżda qajl qajl, bħall-ħin li fl-iskola kien idum biex jgħaddi, bħal-lezzjonijiet li kellhom isiru waħda wara l-oħra. Bħal tarġiet wara xulxin ta’ indana twila waħda li mbagħad kellha twassal xi mkien. Ma kellux għalfejn jonqos li jifhem li anki d-dar kellu l-kotba jistennewh, spazji kbar ta’ għerf magħluqa quddiemu li seta’ jiftaħhom u jirfes fihom pass pass biex jintebaħ li ’l barra minn Balzunetta kien hemm wesgħat bla qies li kellu jterraq ħafna biex jiskoprihom.

**Wieġeb**:

1. Din is-silta hija ambjentata

a. fil-Belt Valletta

b. San Pawl il-Baħar

ċ. fil-Furjana (2)

2. L-innoċenza tat-tfulija tinħass f’din il-kwotazzjoni:

a. “raw id-dawl mal-ħemda tal-baħar”

b. “x-xhur mgħoddijin fuq bank tal-injam”

ċ. “f’dar żgħira kienet tinħass id-dinja kollha tiegħu” (2)

3. Is-silta fiha għadd ta’ deskrizzjonijiet. X’dawl jitfgħu fuq in-narratur?

F’din is-silta għandna narratur (li jaf kollox, mhuwiex affidabbli, huwa wieħed mill-karattri). (2)

4. Skont din is-silta, xi jrid ifisser l-awtur bil-frażi “Il-klassi kienet tfisser tlaqqigħ ta’ kulħadd”?

____________________________________________________________

____________________________________________________________(2)

5. a. X'turina dwar Toninu, il-personifikazzjoni "kellu l-kotba jistennewh"?

________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

b. Il-kotba "seta' jiftaħhom u jirfes fihom". Spjega għaliex din l-alliterazzjoni bil-konsonanti 'f' tħalli effett iktar qawwi fuq dak li jrid ifisser l-awtur.

________________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

6. Spjega fi kliemek il-metafori tal-"ħajt" u tal-"baħar" f'din is-silta.

a. Il-metafora tal-ħajt: ____________________________________________________

________________________________________________________________________

b. Il-metafora tal-baħar: __________________________________________________

______________________________________________________________________(3)

7. L-awtur jirrakkonta u jevalwa l-esperjenza ta' tfajjel ċkejken li jibda jmur l-iskola u jiskopri l-kotba u l-ħajja t'hemm barra. F'madwar **100 kelma**, ikkummenta dwar dan, u orbtu mal-esperjenza personali tiegħek.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5)

**JEW**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**B. Referenza għall-Kuntest fuq test letterarju minn *Bejn Ħaltejn.***

Aqra sewwa l-poeżija *Refuġjata* ta’ *Mario Azzopardi* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

Il-mara tat-tined
dik li nixfilha l-ilma
u ward il-ħall
dik
li wliedha saru dellijiet
jgħajtu f’rasha.

Il-mara tat-tined
dik li ħdejha toħlom żerriegħa
dik li l-jiem tagħha
lkoll
eklissati
dik li tittama fis-siġar taż-żebbuġ
u ważi
fejn tħobb li Samih tagħha
xi darba
meta f’Jenin u Hebron u Kafir
jieqfu l-interrogatorji
jieqfu t-torturi
l-massakri tal-għasafar
tal-irġiel.

Dal-lejl
il-mara tat-tined qed taħseb
kemm-il toqba f’ras il-mejtin
teħtieġ
biex jimtela l-ispazju
tad-duluri tagħha.

**Wieġeb**:

1. Semmi **ŻEWĠ** karatteristiċi li lil din il-poeżija jagħmluha waħda moderna.

a. ______________________________________________

b. ______________________________________________ (2)

2. a. X’taħseb li jrid ifisser il-poeta meta fl-ewwel vers jgħid “Il-mara tat-tined”?

______________________________________________ (2)

b. Għaliex taħseb li lil din il-mara ma jagħtihiex isem?

______________________________________________ (2)

______________________________________________

3. Il-poeta juża l-kliem "Jenin", "Hebron", "Kefir" u "Samih". X'qiegħed juri l-użu ta' dan il-kliem lill-qarrej?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

4. L-anafora f'din il-poeżija titħaddem darbtejn. Spjega kif qed jitħaddmu dawn l-anafori.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

5. Spjega għaliex nistgħu ngħidu li din il-poeżija għadha attwali sal-ġurnata tal-lum.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

6. Ir-refuġjata "tittama fuq is-siġar taż-żebbuġ u l-ważi". Ikkummenta fuq l-effett li jrid iħalli l-poeta fil-poeżija u fuq il-qarrej meta jħaddem din il-metafora.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(3)

7. F'madwar **100 kelma** evalwa l-mod kif il-poeta jwassal it-tbatija ta' din ir-refuġjata.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5)

# Paġna Vojta

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 1-2 It-Taħdit | |
| TUL TA' ĦIN: | madwar 10 minuti | |

**IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR**

**It-Taħdit** **(Total: 12-il marka)**

**Il-Mixja ta' Kull Filgħodu**

It-tabib iffissa għajnejh f'għajnejja. "Inutli toqgħod tiġi għandi għall-visti," qalli. "Jekk m'intix se ddaħħalha f'rasek li tibda tagħmel mixja, imqar ta' nofs siegħa kuljum, m'għandekx għalfejn tersaq lil hawn!"

U mal-kelmiet poġġa l-apparat tal-pressjoni f'postu u ma riedx iżommli flus. Mill-għada stess bdejt immur għall-mixja li ordnali... u hekk bqajt għaddej għal dawn l-aħħar sitt xhur. Mas-sitta ta' filgħodu nerħilha nterraq tul il-promenade ta' mal-baħar; u erħili nixrob l-istilel tax-xemx fuq iċ-ċafċifa, insoff it-togħma tal-grottli li bħali jkunu ħerġin għad-dawra tal-plajja u nduq ir-rumba tal-mewġ jirrombla fuq ix-xtajta. Iżda mhux biss. Bis-saħħa ta' dil-mixja għamilt ħafna ħbieb... ħbieb li ma nafhomx; li qatt ma kellimthom u li qajla jsellmuli. Imma sirna midħla sewwa.

Hemm żewġt irġiel li niltaqa' magħhom tista' tgħid dejjem l-istess post: hekk kif niskorri l-vilel u jibdew il-flettijiet. Żewġt irġiel mezz'età li tismagħhom ġejjin jargumentaw minn erba' kantunieri bogħod. Dejjem janalizzaw il-qagħda tad-dinja skont l-aħbarijiet tal-mument. It-tnejn jitkellmu f'daqqa u meta jgħadduni, nibqa' nismagħhom jitmasħnu sa ma kliemhom jitħallat mat-tektik tal-frejgatina dieħla tittrakka mal-moll.

Hemm ukoll il-pendli. Hekk laqqamthom lil dawk li minflok ibandlu dirgħajhom minn quddiem għal wara, kif jagħmlu s-suldati, ibandluhom mil-lemin għax-xellug... bħall-pendlu ta' grandfather clock. Hemm mara li tant tbandalhom bil-goff li tistħajjilha ġejja taħbat għalik u tmiegħkek mal-art.

Imma mhux dan li kelli f'moħħi meta nxħitt nikteb. Xtaqt nitkellem dwar iz-ziju Frenċ. Niltaqa' miegħu meta nkun kważi għamilt il-mixja kollha u dort lura. Għammidtu z-ziju Frenċ għax xebbahtu maz-ziju t'ommi, li minkejja li miet meta jien mhux żgur kelli sitt snin, wiċċu għadu stampat ġo moħħi. Dan iz-ziju Frenċ il-ġdid naqtgħu xwejjaħ sewwa, jimxi bil-lajma u milwi kemxejn fuq ix-xellug, dejjem iħares lejn ix-xefaq, waqt li jiġbed kelb tal-kaċċa xiħ aktar minnu. L-ewwel darba li rajtu kważi ħarbitli tbissima. Ma stajtx nifhem għalfejn kien jorbtu biċ-ċinga meta dak l-imsejken kelb bilkemm kellu saħħa jimxi... aħseb u ara jaħrab!

*(Silta addattata min-novella Mixja ta' Trevor Żahra, 2015)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Il-Waranofsinhar it-tajjeb/Il-lejla t-tajba.**

**Kellek madwar għaxar minuti ta' preparazzjoni sabiex tara kemm is-silta kif ukoll il-mistoqsijiet.**

**Jekk jogħġbok, aqra taħriġ A.**

**A. Taħriġ ta' Qari Mgħajjat** (2 minuti, 2 marki)

Imma mhux dan li kelli f'moħħi meta nxħitt nikteb. Xtaqt nitkellem dwar iz-ziju Frenċ. Niltaqa' miegħu meta nkun kważi għamilt il-mixja kollha u dort lura. Għammidtu z-ziju Frenċ għax xebbahtu maz-ziju t'ommi, li minkejja li miet meta jien mhux żgur kelli sitt snin, wiċċu għadu stampat ġo moħħi. Dan iz-ziju Frenċ il-ġdid naqtgħu xwejjaħ sewwa, jimxi bil-lajma u milwi kemxejn fuq ix-xellug, dejjem iħares lejn ix-xefaq, waqt li jiġbed kelb tal-kaċċa xiħ aktar minnu. L-ewwel darba li rajtu kważi ħarbitli tbissima. Ma stajtx nifhem għalfejn kien jorbtu biċ-ċinga meta dak l-imsejken kelb bilkemm kellu saħħa jimxi... aħseb u ara jaħrab!

**(Jekk il-kandidati jdumu aktar minn żewġ minuti, waqqaf il-qari u ibda l-eżerċizzju li jmiss.)**

**Grazzi ħafna. Issa se ngħaddu għas-silta kif ukoll il-mistoqsijiet.**

**Se naqralek mistoqsija wara oħra u inti trid tagħtini tweġiba skont dak li qrajt u fhimt.**

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.** (4 minuti, 5 marki)

1. Taħseb li l-awtur u t-tabib kienu jafu sewwa lil xulxin? Għaliex taħseb hekk?
2. Semmi **ŻEWĠ** esperjenzi ġodda li akkwista l-awtur bil-mixja ta' filgħodu.
3. X'laqtu l-aktar lill-awtur fiż-żewġt irġiel li kien jara jimxu kull filgħodu?
4. Immaġina li trid tħeġġeġ lin-nies jibdew jimxu. Agħti ftit suġġerimenti biex tikkonvinċihom isibu l-ħin għal mixja qasira kuljum.

**Grazzi ħafna tat-tweġibiet tiegħek.**

**Ċ. Diskussjoni fuq Stampa.** (4 minuti, 5 marki)

**F'din it-taqsima se nkunu qegħdin niddiskutu flimkien din l-istampa. Għandi xi mistoqsijiet ippreparati għalik, imma mhux neċessarjament jintużaw kollha. Dan jiddependi minn kif tesprimi ruħek u kif tibni l-argumenti tiegħek.**

**Is-Saħħa Kollox!**



*(Sors: www.shutterstock.com)*

**Mistoqsijiet tal-eżaminatur/eżaminatriċi:**

1. Iddeskrivi dan ir-ritratt.
2. Taħseb li hemm xi età partikulari meta tista' tmur il-gym?
3. Taħseb li aħna l-Maltin inħobbu nagħmlu l-eżerċizzju fiżiku? Għaliex?
4. Tippreferi l-eżerċizzju fiżiku ġo gym magħluq jew barra fil-miftuħ? Għaliex?
5. Semmi **ŻEWĠ** raġunijiet li jfixklu liż-żgħażagħ milli jattendu l-gym regolarment.
6. Kieku kellek tiftaħ ċentru għall-eżerċizzju fiżiku, x'tagħmel fih li taħseb li Malta m'hawnx bħalu?

**Jekk użajt xi karti separati għal xi noti nitolbok tħallihom hawn.**

**Grazzi ħafna. L-eżami tat-taħdit tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 1-2 It-Taħdit | |
| TUL TA' ĦIN: | madwar 10 minuti | |

## IL-KARTA TAL-KANDIDAT

**It-Taħdit** **(Total: 12-il marka)**

**Istruzzjonijiet għall-kandidati: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA**

F'dan l-oral, int se tiġi eżaminat għall-ħiliet tiegħek fit-tħaddim ta' reġistri differenti, għall-mod kif tesprimi ruħek, għas-sekwenza tal-ideat, u l-ħila li tibni argument loġiku.

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex
- taqra tgħajjat paragrafu ta' madwar 100 kelma;
- twieġeb b'mod orali l-mistoqsijiet fuq din is-silta u fuq stampa.

Għandek madwar għaxar minuti ta' preparazzjoni sabiex tara kemm il-paragrafu, is-silta, kif ukoll il-mistoqsijiet.

### Il-Mixja ta' Kull Filgħodu

It-tabib iffissa għajnejh f'għajnejja. "Inutli toqgħod tiġi għandi għall-visti," qalli. "Jekk m'intix se ddaħħalha f'rasek li tibda tagħmel mixja, imqar ta' nofs siegħa kuljum, m'għandekx għalfejn tersaq lil hawn!"

U mal-kelmiet poġġa l-apparat tal-pressjoni f'postu u ma riedx iżommli flus. Mill-għada stess bdejt immur għall-mixja li ordnali... u hekk bqajt għaddej għal dawn l-aħħar sitt xhur. Mas-sitta ta' filgħodu nerħilha nterraq tul il-promenade ta' mal-baħar; u erħili nixrob l-istilel tax-xemx fuq iċ-ċafċifa, insoff it-togħma tal-grottli li bħali jkunu ħerġin għad-dawra tal-plajja u nduq ir-rumba tal-mewġ jirrombla fuq ix-xtajta. Iżda mhux biss. Bis-saħħa ta' dil-mixja għamilt ħafna ħbieb... ħbieb li ma nafhomx; li qatt ma kellimthom u li qajla jsellmuli. Imma sirna midħla sewwa.

Hemm żewġt irġiel li niltaqa' magħhom tista' tgħid dejjem l-istess post: hekk kif niskorri l-vilel u jibdew il-flettijiet. Żewġt irġiel mezz'età li tismagħhom ġejjin jargumentaw minn erba' kantunieri bogħod. Dejjem janalizzaw il-qagħda tad-dinja skont l-aħbarijiet tal-mument. It-tnejn jitkellmu f'daqqa u meta jgħadduni, nibqa' nismagħhom jitmasħnu sa ma kliemhom jitħallat mat-tektik tal-frejgatina dieħla tittrakka mal-moll.

Hemm ukoll il-pendli. Hekk laqqamthom lil dawk li minflok ibandlu dirgħajhom minn quddiem għal wara, kif jagħmlu s-suldati, ibandluhom mil-lemin għax-xellug... bħall-pendlu ta' grandfather clock. Hemm mara li tant tbandalhom bil-goff li tistħajjilha ġejja taħbat għalik u tmiegħkek mal-art.

Imma mhux dan li kelli f'moħħi meta nxħitt nikteb. Xtaqt nitkellem dwar iz-ziju Frenċ. Niltaqa' miegħu meta nkun kważi għamilt il-mixja kollha u dort lura. Għammidtu z-ziju Frenċ għax xebbahtu maz-ziju t'ommi, li minkejja li miet meta jien mhux żgur kelli sitt snin, wiċċu għadu stampat ġo moħħi. Dan iz-ziju Frenċ il-ġdid naqtgħu xwejjaħ sewwa, jimxi bil-lajma u milwi kemxejn fuq ix-xellug, dejjem iħares lejn ix-xefaq, waqt li jiġbed kelb tal-kaċċa xiħ aktar minnu. L-ewwel darba li rajtu kważi ħarbitli tbissima. Ma stajtx nifhem għalfejn kien jorbtu biċ-ċinga meta dak l-imsejken kelb bilkemm kellu saħħa jimxi... aħseb u ara jaħrab!

*(Silta addattata min-novella Mixja ta' Trevor Żahra, 2015)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**A. Taħriġ ta' qari mgħajjat meħud mill-istess silta li għadek kif qrajt.** (2 minuti, 2 marki)

Imma mhux dan li kelli f'moħħi meta nxħitt nikteb. Xtaqt nitkellem dwar iz-ziju Frenċ. Niltaqa' miegħu meta nkun kważi għamilt il-mixja kollha u dort lura. Għammidtu z-ziju Frenċ għax xebbahtu maz-ziju t'ommi, li minkejja li miet meta jien mhux żgur kelli sitt snin, wiċċu għadu stampat ġo moħħi. Dan iz-ziju Frenċ il-ġdid naqtgħu xwejjaħ sewwa, jimxi bil-lajma u milwi kemxejn fuq ix-xellug, dejjem iħares lejn ix-xefaq, waqt li jiġbed kelb tal-kaċċa xiħ aktar minnu. L-ewwel darba li rajtu kważi ħarbitli tbissima. Ma stajtx nifhem għalfejn kien jorbtu biċ-ċinga meta dak l-imsejken kelb bilkemm kellu saħħa jimxi... aħseb u ara jaħrab!

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.** (4 minuti, 5 marki)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur/eżaminatriċi. Tista' tikteb xi noti fuq **KARTA SEPARATA** biex tużahom waqt id-diskussjoni. Biex tissostanzja t-tweġibiet tiegħek, tista' tikkwota mis-silta.

1. Taħseb li l-awtur u t-tabib kienu jafu sewwa lil xulxin? Għaliex taħseb hekk?
2. Semmi **ŻEWĠ** esperjenzi ġodda li akkwista l-awtur bil-mixja ta' filgħodu.
3. X'laqtu l-aktar lill-awtur fiż-żewġt irġiel li kien jara jimxu kull filgħodu?
4. Immaġina li trid tħeġġeġ lin-nies jibdew jimxu. Agħti ftit suġġerimenti biex tikkonvinċihom isibu l-ħin għal mixja qasira kuljum.

**Ċ. Diskussjoni fuq Stampa.** (4 minuti, 5 marki)

Mal-eżaminatur/eżaminatriċi se tiddiskuti din l-istampa t'hawn taħt. L-eżaminatur/eżaminatriċi j/tista' j/tagħmillek xi mistoqsijiet biex j/tgħinek tiżviluppa l-argument/ħsieb tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.

**Is-Saħħa Kollox!**



*(Sors: www.shutterstock.com)*

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 1-2 |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Sagħtejn u 5 minuti |

**Taqsima A: Il-Kitba** **(Total: ☐ 22 marka)**

**Ikteb bejn 240 u 270 kelma fuq WIEĦED minn dawn it-titli:**

1. Ikteb **rakkont fattwali** li jispiċċa: "Minn żball ħadt lezzjoni".
2. Membru tal-familja tiegħek ħalla impatt pożittiv fuqek. Ikteb **bijografija** dwaru.
3. Kumpanija tal-manifattura għadha kif ivvintat prodott elettroniku biex jgħin fit-tindif tad-dar. Ikteb il-**proċess** ta' kif jaħdem u jintuża fid-dar.
4. Fl-iskola fejn tattendi se tiġi organizzata ġurnata ddedikata lill-ħarsien tal-ambjent. Ikteb **taħdita** fuq l-importanza ta' dan it-topik sabiex tinqara waqt il-ftuħ ta' din l-attività.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

TIKTIBX F’DAN L-ISPAZJU

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Taqsima B: Il-Qari** **(Total: ☐ | 22 marka)**

**L-Isport fil-Ħajja taż-Żgħażagħ**

Illum il-ġurnata, ħafna żgħażagħ iqattgħu ħafna ħin quddiem il-kompjuter jew il-mobile. Xi drabi jagħmlu dan biex jistudjaw, imma ħafna drabi biex jaraw vidjows, jilagħbu logħob jew jużaw il-midja soċjali. Minħabba f'hekk, ħafna żgħażagħ qed ikollhom ħajja fejn ma jiċċaqalqux u jonqsu milli jagħmlu attività fiżika. Dan jista' jwassal għal problemi ta' saħħa, bħal piż żejjed jew nuqqas ta' enerġija, u jista' wkoll jaffettwa l-burdata u l-ħsieb tagħhom. Għalhekk, l-isport għandu jkun parti essenzjali mill-ħajja taż-żgħażagħ, biex jgħinhom ikunu b'saħħithom u kuntenti.



*(www.shutterstock.com)*

L-isport jagħti ħafna benefiċċji lis-saħħa tal-ġisem. Meta żagħżugħ jagħmel attività sportiva regolarment, il-qalb, il-pulmuni u l-muskoli jissaħħu. L-isport jgħin ukoll biex inaqqas l-obeżità u nevitaw mard bħad-dijabete u l-pressjoni għolja. Żagħżugħa li tagħmel sport ikollha aktar enerġija, torqod aħjar u tikkonċentra aktar fuq l-istudju tagħha. Barra minn hekk, l-isport jgħin biex wieħed jitgħallem jorganizza l-ħin tiegħu u jgħix ħajja ordnata u b'saħħitha.

Minbarra l-benefiċċji fiżiċi, l-isport jgħin ukoll biex nibnu karattru tajjeb. Meta ż-żgħażagħ jieħdu sehem f'tim jew f'kompetizzjoni, jitgħallmu l-valuri tar-rispett, id-dixxiplina u l-ġustizzja. L-isport jgħallimna li r-rebħa tinkiseb biss b'sagrifiċċju u li t-telfa mhix falliment, imma tagħlima biex nitjiebu. Meta nilagħbu f'tim, nitgħallmu naħdmu flimkien, inkunu ta' appoġġ għal xulxin u nħossu sodisfazzjon meta niksbu xi ħaġa bħala grupp. Dawn huma kwalitajiet li jgħinuna wkoll fil-futur, kemm fix-xogħol kif ukoll fil-ħajja personali.

L-isport għandu wkoll effett pożittiv fuq il-moħħ u s-saħħa mentali. Meta nagħmlu eżerċizzju, il-ġisem jipproduċi sustanzi li jnaqqsu l-istress, itejbu l-burdata u l-konċentrazzjoni. Għalhekk, min jagħmel sport spiss iħossu aktar rilassat u kuntent. Barra minn hekk, l-isport jagħti opportunità biex wieħed jiltaqa' ma' nies ġodda u jinbtu ħbiberiji ġodda. F'dinja fejn ħafna żgħażagħ iħossuhom waħedhom jew taħt pressjoni, l-isport jista' jkun mod tajjeb biex jinqatgħu ftit mid-dinja diġitali u jgawdu kumpanija tajba f'ambjent ta' divertiment 'il bogħod mill-vizzji.

Xi żgħażagħ isibu fl-isport passjoni kbira li tgħinhom jimmiraw lejn futur aħjar. Xi wħud saħansitra jagħmlu karriera bħala plejers professjonali, kowċis jew għalliema tal-edukazzjoni fiżika. Iżda anke għal min jagħmel sport sempliċement għall-gost, l-isport jgħin biex wieħed ikollu ħajja aktar pożittiva u bilanċjata.

L-isport hu għalhekk mezz importanti ħafna biex iż-żgħażagħ jikbru b'saħħithom, jitgħallmu valuri tajbin u jħossuhom parti minn komunità. Għalhekk, kemm l-iskejjel kif ukoll il-familji għandhom iħeġġuhom biex isibu u jibdew sport li jogħġobhom.

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. **Aqta' linja taħt ir-risposta t-tajba:**

a. Illum ħafna żgħażagħ iqattgħu ħafna ħin:
i. barra mal-ħbieb.
ii. quddiem il-kompjuter u l-mobile.
iii. jipprattikaw l-isports.

b. Quddiem il-gadgets teknoloġiċi, iż-żgħażagħ:
i. jistudjaw biss.
ii. jistudjaw ftit u jaraw ħafna media soċjali.
iii. jaraw media soċjali u jilagħbu biss.

ċ. Min jipprattika l-isport iħossu iktar:
i. għajjien.
ii. rilassat.
iii. waħdu u bla ħbieb.

d. Meta nipprattikaw sport:
i. ma jaqbadniex ċertu mard.
ii. nimirdu kontinwament.
iii. nistgħu nieklu iktar. (4)

2. Fl-ewwel paragrafu naqraw "Dan jista' jwassal għal problemi ta' saħħa."
Għal xiex qed tirreferi l-kelma "Dan"?

______________________________________________________________________(2)

3. a. "L-isport jgħin ukoll biex inaqqas l-obeżità" (par.2)

Il-kelma 'obeżità' tfisser ________________________________________________. (1)

b. "... inkunu ta' appoġġ għal xulxin..." (par.3)

Il-kelma *'appoġġ'* tfisser ________________________________________________. (1)

ċ. "Xi wħud saħansitra jagħmlu karriera..." (par.5)

Il-kelma 'karriera' tfisser ________________________________________________. (1)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

4. Ikteb **ERBA'** benefiċċji tal-isport li jissemmew fil-kitba u li huma ppreżentati b'simboli fl-istampa li qed tara mat-test.

a. ______________________________

b. ______________________________

ċ. ______________________________

d. ______________________________(4)

5. Xi tfisser il-frażi "it-telfa mhix falliment"? (par.3)

______________________________

______________________________(2)

6. B'liema mod l-ambjent, li jiffrekwenta min jipprattika xi sport, jista' jkun ta' benefiċċju għaż-żgħażagħ?

______________________________

______________________________(2)

7. Skont dak li qrajt, għaliex taħseb li l-isport jista' jgħin ukoll għall-karriera?

______________________________

______________________________(2)

8. Minn dak li qrajt fi tmiem is-silta, għaliex taħseb li hemm żgħażagħ li qatt ma ppruvaw jipprattikaw sport?

______________________________

______________________________

______________________________(3)

**Taqsima Ċ: Il-Metalingwa** **(Total: ☐ | 22 marka)**

Il-kandidati jridu jwieġbu żewġ eżerċizzji; eżerċizzju tal-grammatika u eżerċizzju tas-semantika.

**Il-Grammatika** (12-il marka)

A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħtha. **L-ewwel waħda hija eżempju**.

**Eż. 1. In-nom 'bjuda' huwa:**
a. nom indeterminat
**b. <u>nom astratt</u>**
ċ. nom determinat

2. Aġġettiv minn 'jiswa' hu:
a. siewi
b. siwi
ċ. niswa (1)

3. L-għerq minn 'nixegħlu' hu:
a. n-x-għ
b. x-għ-l
ċ. x-l-għ (1)

4. Nom mimmat minn 'fetaħ' hu:
a. nfetaħ
b. fetħa
ċ. muftieħ (1)

5. Il-verb 'ninsterqu' hu:
a. tas-sitt forma
b. tas-seba' forma
ċ. tal-għaxar forma (1)

6. Il-verb 'napprofittaw' hu mnissel minn:
a. profitt
b. approfitta
ċ. professjoni (1)

7. 'Dawk' hu pronom:
a. personali
b. mehmuż ?????
ċ. dimostrattiv (1)

8. Id-diminuttiv ta' 'ħelu' hu:
a. ħlejju
b. ħelwa
ċ. ħlew (1)

9. Fis sentenza: 'Ippruvajna ħafna biex inbegħduh mill-periklu'. Liema hu l-avverbju?
a. ippruvajna
b. ħafna
ċ. periklu (1)

10. Ġimgħa ta' 24 siegħa xogħol. Jekk minflok 24 ikun hemm 19, din il-frażi tinkiteb:
a. Ġimgħa ta' 19-il siegħa xogħol
b. Ġimgħa ta' 19 siegħa xogħol
ċ. Ġimgħa ta' 19 sigħat xogħol (1)

11. Il-verb ‘deher’ fl-ewwel persuna plural perfett huwa:
a. nidhru
b. dhert
ċ. dherna (1)

12. L-aġġettiv komparattiv ta’ ‘għoli’ huwa:
a. ogħla
b. għola
ċ. l-ogħla (1)

13. Il-frażi ‘taqtax qalbek’ hija:
a. fl-imperfett
b. fl-imperattiv
ċ. fil-futur (1)

**Is-Semantika** (10 marki)

B. Immarka t-tifsira t-tajba tal-kliem fil-grassett. **L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Eż.** 1. Ommi sikwit kienet tgħidli li jien **salib**.
(kurċifiss, **<u>imqareb</u>**, reliġjuż)

2. Ir-raġel tant kien **qawwi** li ma setax jidħol fil-karozza.
(imqalleb; mibrum; jgħajjat)
3. Bilkemm stajt narah bid-dawl **qawwi** li kien hemm.
(imqalleb; mibrum; jgħammex)
4. Il-**qarsa** li ġarrab ikkawżatlu tbenġila.
(singular ta’ ‘qris’; ferita; femminil ta’ ‘qares’)
5. Is-soppa kienet **qarsa** u ma kilthiex.
(singular ta’ ‘qris’; ferita; femminil ta’ ‘qares’)
6. It-tabib naddafli l-ferita bit-**tajjar**.
(kelma oħra għal ‘għasfur’; tal-qoton; verb minn ‘tar’)
7. L-anzjan mar fil-kampanja u **tajjar** għadd ta’ ħamiem.
(kelma oħra għal ‘għasfur’; tal-qoton; verb minn ‘tar’)
8. Alex **ħall** il-bokkla taċ-ċinturin għax kien issikkat.
(inbid iffermentat; kelma oħra għal ‘sala’, neħħa l-irbit)
9. Il-kok juża l-**ħall** fit-tisjir tiegħu.
(inbid iffermentat; kelma oħra għal ‘sala’, neħħa l-irbit)
10. Il-lelluxa **safra** tispikka fil-kampanja Maltija.
(vjaġġ; in-nofs tal-bajda; kulur)
11. Fittixt li mmur **safra** biex nistrieħ.
(vjaġġ; in-nofs tal-bajda; kulur)

**Taqsima D: Il-Letteratura** **(Total: ☐ | 22 marka)**

**Letteratura: Analiżi fuq test letterarju mhux imħejji** **(10 marki)**

**Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

Filgħaxija, qabel irqadt, ftaħt kexxun ta’ taħt is-sodda fejn inrekken ittri, kartolini u mbarazz bħal dawn u bdejt infittex. Kienet ilha ma tkun f’idi, imma kont żgur li dik il-pittura fuq it-tila kienet għadha għandi. Kienet għal qalbi wisq biex narmiha, barra mill-fatt li artistikament kienet stupenda. Kien fiha kull skala tal-lewn aħdar, il-lewn tant għal qalbi. Kien hemm il-weraq tal-qrib b’kuntrast ma’ dawk li jagħlqu l-inkwatru f’punt ta’ perspettiva ’l bogħod, waqt li kull werqa taqbad id-dawl fi sfumar delikat tal-istess lewn.

Sibtha. Tbissimt. Żammejtha f’idi u poġġejt fuq is-sodda. U bdejt niftakar.

Erbgħin sena ilu meta kont nieħu lezzjonijiet tal-pittura ltqajt ma’ Vince, student ukoll. Mill-ewwel inġbidna lejn xulxin. Sajf minnhom l-għalliem ħajjar lill-grupp kollu biex nagħmlu safra flimkien sa Baden-Baden fil-Ġermanja fejn stajna nżuru bosta mużewijiet tal-arti. Jum minnhom kulħadd iddejjaq jara l-pitturi u lkoll morna dawra tax-xifer tal-Black Forest. Sa dakinhar jien u Vince konna qrobna aktar lejn xulxin u għalhekk kull fejn immorru kont issibna id f’id. Wara li konna ilna xi sagħtejn mexjin fil-foresta, waqafna f’roqgħa li kulħadd issaħħar fuqha. Kien hemm spazju vojt bħal pjazza ċkejkna u madwarha stajna naraw irqajja’ tal-ħamrija miksija bi nwar tal-fjuri. Allura naħa kien hemm qisu tapit vjola ċar, ftit ’il bogħod minnu roqgħa safra tgħajjat u aktar lil hemm tara tapit roża. Waqafna biex nistrieħu u nieklu l-biċċtejn ħobż li ħadna magħna. Wara ftit qlajna għajnejna mis-serq tat-tapiti u bdejna nħarsu ’l fuq.

Kien hemm eluf ta’ siġar tal-fagu, taż-żnuber u tal-ballut. Jekk qabel l-attenzjoni tagħna nħakmet minn sbuħija tal-inwar imlewwen, issa lanqas biss sibna kliem biex nesprimu l-għaġeb tagħna għal kulma kien hemm madwarna. Dlonk ħriġt il-mobile u bdejt nieħu għadd ta’ ritratti. Kulħadd immuta u f’dak is-skiet bdejna nintebħu li kien hemm xi ħaġa oħra li ma indunajniex biha qabel. Kien hemm kor meraviljuż ta’ tpespis ta’ għasafar li fosthom għarafna l-kukù.

*(Silta meħuda min-novella “Is-Siġar li jżommu id f’id” ta’ Lina Brockdorff)*

**Wieġeb:**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba. In-narrazzjoni qed issir:

a. fl-ewwel persuna

b. fit-tieni persuna

ċ. fit-tielet persuna

______________________________ (1)

2. In-narratriċi tgħid hekk: “Kien hemm spazju vojt bħal pjazza ċkejkna...”.

a. X’figura tad-diskors qed tintuża? ______________________________ (1)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

b. Fisser kif qed titħaddem f’dan il-kuntest.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1)

3. X’jagħtik tifhem li n-narratriċi tħobb in-natura? Agħti eżempju **WIEĦED** mis-silta biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

4. a. Spjega r-relazzjoni li hemm bejn l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjoni li qegħdin fiha l-karattri fit-tielet paragrafu.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(3)

b. Għid kif dak li qrajt fis-silta jista’ jirrelata jew ma jirrelatax ma’ dak li inti tesperjenza fil-ħajja tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

**Letteratura: Il-Komponiment Letterarju** **(12-il marka)**

Il-Kandidati jridu jwieġbu mistoqsija **WAĦDA** li tista' tkun jew mill-antoloġija **Hemm Art fil-Folja** jew mill-antoloġija **Bejn Ħaltejn**.

Agħżel mistoqsija **WAĦDA** u ikteb madwar 150 kelma.

**Hemm Art fil-Folja**

1. Spjega l-istil ta' narrazzjoni li juża Walid Nabhan fin-novella "Il-Mutu".

**JEW**

2. Oħroġ ix-xebh u d-differenzi li jidhru fil-poeżiji "Lilia Agri" ta' Anton Buttigieg, u "Ħitan tas-Sejjieħ" ta' Marjanu Vella.

**JEW**

**Bejn Ħaltejn**

3. Spjega s-sentiment tal-imħabba kif huwa preżenti fir-rumanzett "Il-Ħarsa ta' Rużann".

**JEW**

4. L-artisti tal-kelma jinqdew bil-kitba biex ileħħnu l-protesti tagħhom. Uri kif dan joħroġ fin-novella "Bl-Irħis" ta' Vincent Vella, u fil-poeżija "Aqta' Fjura u Ibni Kamra" ta' Immanuel Mifsud.

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 2-3 It-Taħdit | |
| TUL TA' ĦIN: | madwar 10 minuti | |

## IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**It-Taħdit** **(Total: 12-il marka)**

### Il-Wasla taċ-Ċirklu

Fit-toroq kien hemm it-tigri u l-iljuni jistennew il-wasla taċ-ċirklu, lesti biex iqattgħu lil min jażżarda jjassar lilhom jew lil sħabhom. Li kieku l-ġemgħa li ntefgħet tistenna l-wasla taċ-Ċirklu ta' Ruma – nofsha ppustjata l-Port il-Kbir u n-nofs l-ieħor tokkupa l-art ta' Blata l-Bajda – kienet verament magħmula mit-tigri u l-iljuni, kieku żgur kienet tqatta' biċċiet lid-diretturi taċ-ċirklu. Iżda dawn kienu rġiel u nisa komuni, tfal tal-iskola u studenti emanċipati, ħaddiema tal-id u nisa tad-dar, semmiegħa tar-RTĊ u segwaċi tal-Killer, mgħammra biss b'ħanġra daqsiex u b'qilla li tkexkex.

Bħal massa sħab iswed tinġema' fuq il-baħar, il-folla fuq il-moll tal-Port il-Kbir laqgħet il-wasla tal-bastiment bl-annimali fuqu u bis-sidien tagħhom fis-skiet taqtgħu b'sikkina. Il-mewġ kien jinstema' jċafċaf mal-bastiment hu u jittrakka mal-moll, u dawk li kienu qed jorbtuh mal-moll setgħu jisimgħu l-iljunfanti jsabbtu saqajhom fil-gaġeġ ippustjati fiż-żaqq skura tal-bastiment. Anke l-klieb iħufu f'dawk l-inħawi tal-Belt, dejjem jinbħu ta' xejn u kollhom ħmieġ, illum waqfu jduru fil-vojt iħarsu ċassi lejn il-baħar, lejn dik il-biċċa tal-baħar li kienet qed iġġorr maqfula ħlejjaq oħra, frott tal-istess ħallieq.

Għax is-silenzju li daħal fih il-bastiment, li kien iġib l-isem *l'Arca 13*, irreġistrat l-Italja u mmexxi mill-kaptan taċ-ċirklu stess, ma kienx silenzju tas-sliem. F'dak is-skiet kien hemm ċerta tensjoni fl-arja. Il-pulizija ħassew li l-arja kienet tqila, u ntbagħtu erbgħin uffiċjal armat fil-karozzi s-suwed tagħhom biex jassistu għall-ħatt tal-annimali u t-trasportazzjoni tagħhom sa Blata l-Bajda, għal li jista' jkun.

Jibqa' l-fatt, però, li kienu l-klieb l-ewwel li fetħu ħalqhom malli nfetħet il-bieba tal-bastiment. Dak il-ħin tniżżlet rampa għal fuq il-moll u n-nies, u l-klieb, setgħu jaraw il-gaġeġ bix-xadini fihom ixejru jdejhom fl-arja, bl-iljunfanti bit-trombi tagħhom ħerġin ifittxu ftit nifs u t-tigri nofshom mejtin, mitluqin fuq it-tiben.

*(Silta addattata mill-ktieb ta' Karl Schembri, Il-Manifest tal-Killer, 2006)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Il-Waranofsinhar it-tajjeb/Il-lejla t-tajba.**

**Kellek madwar għaxar minuti ta' preparazzjoni sabiex tara kemm is-silta kif ukoll il-mistoqsijiet.**

**Jekk jogħġbok, aqra taħriġ A.**

**A. Taħriġ ta' Qari Mgħajjat** (2 minuti, 2 marki)

Bħal massa sħab iswed tinġema' fuq il-baħar, il-folla fuq il-moll tal-Port il-Kbir laqgħet il-wasla tal-bastiment bl-annimali fuqu u bis-sidien tagħhom fis-skiet taqtgħu b'sikkina. Il-mewġ kien jinstema' jċafċaf mal-bastiment hu u jittrakka mal-moll, u dawk li kienu qed jorbtuh mal-moll setgħu jisimgħu l-iljunfanti jsabbtu saqajhom fil-gaġeġ ippustjati fiż-żaqq skura tal-bastiment. Anke l-klieb iħufu f'dawk l-inħawi tal-Belt, dejjem jinbħu ta' xejn u kollhom ħmieġ, illum waqfu jduru fil-vojt iħarsu ċassi lejn il-baħar, lejn dik il-biċċa tal-baħar li kienet qed iġġorr maqfula ħlejjaq oħra, frott tal-istess ħallieq.

**(Jekk il-kandidati jdumu aktar minn żewġ minuti, waqqaf il-qari u ibda l-eżerċizzju li jmiss.)**

**Grazzi ħafna. Issa se ngħaddu għas-silta kif ukoll il-mistoqsijiet.**

**Se naqralek mistoqsija wara oħra u inti trid tagħtini tweġiba skont dak li qrajt u fhimt.**

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.** (4 minuti, 5 marki)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur/eżaminatriċi. Tista' tikteb xi noti fuq **KARTA SEPARATA** biex tużahom waqt id-diskussjoni. Biex tissostanzja t-tweġibiet tiegħek, tista' tikkwota mis-silta.

1. Mid-deskrizzjoni li jagħti ta' dawk li qed jipprotestaw, x'tikkonkludi fuq xi kwalità ta' nies kienu?
2. Xi kliem juża l-awtur biex joħloq tensjoni meta beda jittrakka l-vapur bl-annimali?
3. Taħseb li l-awtur ixaqleb lejn xi naħa f'din is-silta? Lejn liema naħa?
4. Kif tfisser l-ewwel dehra tax-xadini, l-iljunfanti u t-tigri hekk kif infetħet il-bieba tal-vapur?

**Grazzi ħafna tat-tweġibiet tiegħek.**

**Ċ. Diskussjoni fuq Stampa.** (4 minuti, 5 marki)

**F'din it-taqsima se nkunu qegħdin niddiskutu flimkien din l-istampa. Għandi xi mistoqsijiet ippreparati għalik, imma mhux neċessarjament jintużaw kollha. Dan jiddependi minn kif tesprimi ruħek u kif tibni l-argumenti tiegħek.**

**Ħielsa jew Maqfula?**



*(Sors: www.shutterstock.com)*

**Mistoqsijiet tal-eżaminatur/eżaminatriċi:**

1. Iddeskrivi dak li jiġi f'moħħok meta tara dan ir-ritratt.
2. Taħseb li dawn l-annimali kbar għandhom ikunu maqfula f'gaġġa? Għaliex?
3. Fiż-zoo l-annimali jkunu iktar ikkurati milli fis-selvaġġ. Taqbel? Għaliex?
4. X'perikli jista' jkun hemm li jkollok dawn l-annimali feroċi maqfula fiż-zoo?
5. Taħseb li hemm ħaġa edukattiva li wieħed iżur ċirklu jew zoo f'Malta jew barra?
6. Taqbel mal-proposta li f'Malta ma jidħlux ċirkli bl-annimali ħajjin? Għaliex?

**Jekk użajt xi karti separati għal xi noti nitolbok tħallihom hawn.**

**Grazzi ħafna. L-eżami tat-taħdit tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 2-3 It-Taħdit | |
| TUL TA' ĦIN: | madwar 10 minuti | |

## IL-KARTA TAL-KANDIDAT

**It-Taħdit** **(Total: 12-il marka)**

**Istruzzjonijiet għall-kandidati: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA**

F'dan l-oral, int se tiġi eżaminat għall-ħiliet tiegħek fit-tħaddim ta' reġistri differenti, għall-mod kif tesprimi ruħek, għas-sekwenza tal-ideat, u l-ħila li tibni argument loġiku.

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur/eżaminatriċi biex
- taqra tgħajjat paragrafu ta' madwar 100 kelma;
- twieġeb b'mod orali l-mistoqsijiet fuq din is-silta u fuq stampa.

Għandek madwar għaxar minuti ta' preparazzjoni sabiex tara kemm il-paragrafu, is-silta, kif ukoll il-mistoqsijiet.

### Il-Wasla taċ-Ċirklu

Fit-toroq kien hemm it-tigri u l-iljuni jistennew il-wasla taċ-ċirklu, lesti biex iqattgħu lil min jażżarda jjassar lilhom jew lil sħabhom. Li kieku l-ġemgħa li ntefgħet tistenna l-wasla taċ-Ċirklu ta' Ruma – nofsha ppustjata l-Port il-Kbir u n-nofs l-ieħor tokkupa l-art ta' Blata l-Bajda – kienet verament magħmula mit-tigri u l-iljuni, kieku żgur kienet tqatta' biċċiet lid-diretturi taċ-ċirklu. Iżda dawn kienu rġiel u nisa komuni, tfal tal-iskola u studenti emanċipati, ħaddiema tal-id u nisa tad-dar, semmiegħa tar-RTĊ u segwaċi tal-Killer, mgħammra biss b'ħanġra daqsiex u b'qilla li tkexkex.

Bħal massa sħab iswed tinġema' fuq il-baħar, il-folla fuq il-moll tal-Port il-Kbir laqgħet il-wasla tal-bastiment bl-annimali fuqu u bis-sidien tagħhom fis-skiet taqtgħu b'sikkina. Il-mewġ kien jinstema' jċafċaf mal-bastiment hu u jittrakka mal-moll, u dawk li kienu qed jorbtuh mal-moll setgħu jisimgħu l-iljunfanti jsabbtu saqajhom fil-gaġeġ ippustjati fiż-żaqq skura tal-bastiment. Anke l-klieb iħufu f'dawk l-inħawi tal-Belt, dejjem jinbħu ta' xejn u kollhom ħmieġ, illum waqfu jduru fil-vojt iħarsu ċassi lejn il-baħar, lejn dik il-biċċa tal-baħar li kienet qed iġġorr maqfula ħlejjaq oħra, frott tal-istess ħallieq.

Għax is-silenzju li daħal fih il-bastiment, li kien iġib l-isem *l'Arca 13*, irreġistrat l-Italja u mmexxi mill-kaptan taċ-ċirklu stess, ma kienx silenzju tas-sliem. F'dak is-skiet kien hemm ċerta tensjoni fl-arja. Il-pulizija ħassew li l-arja kienet tqila, u ntbagħtu erbgħin uffiċjal armat fil-karozzi s-suwed tagħhom biex jassistu għall-ħatt tal-annimali u t-trasportazzjoni tagħhom sa Blata l-Bajda, għal li jista' jkun.

Jibqa' l-fatt, però, li kienu l-klieb l-ewwel li fetħu ħalqhom malli nfetħet il-bieba tal-bastiment. Dak il-ħin tniżżlet rampa għal fuq il-moll u n-nies, u l-klieb, setgħu jaraw il-gaġeġ bix-xadini fihom ixejru jdejhom fl-arja, bl-iljunfanti bit-trombi tagħhom ħerġin ifittxu ftit nifs u t-tigri nofshom mejtin, mitluqin fuq it-tiben.

*(Silta addattata mill-ktieb ta' Karl Schembri, Il-Manifest tal-Killer, 2006)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**A. Taħriġ ta' qari mgħajjat meħud mill-istess silta li għadek kif qrajt.** (2 minuti, 2 marki)

Bħal massa sħab iswed tinġema' fuq il-baħar, il-folla fuq il-moll tal-Port il-Kbir laqgħet il-wasla tal-bastiment bl-annimali fuqu u bis-sidien tagħhom fis-skiet taqtgħu b'sikkina. Il-mewġ kien jinstema' jċafċaf mal-bastiment hu u jittrakka mal-moll, u dawk li kienu qed jorbtuh mal-moll setgħu jisimgħu l-iljunfanti jsabbtu saqajhom fil-gaġeġ ippustjati fiż-żaqq skura tal-bastiment. Anke l-klieb iħufu f'dawk l-inħawi tal-Belt, dejjem jinbħu ta' xejn u kollhom ħmieġ, illum waqfu jduru fil-vojt iħarsu ċassi lejn il-baħar, lejn dik il-biċċa tal-baħar li kienet qed iġġorr maqfula ħlejjaq oħra, frott tal-istess ħallieq.

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.** (4 minuti, 5 marki)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur/eżaminatriċi. Tista' tikteb xi noti fuq **KARTA SEPARATA** biex tużahom waqt id-diskussjoni. Biex tissostanzja t-tweġibiet tiegħek, tista' tikkwota mis-silta.

1. Mid-deskrizzjoni li jagħti ta' dawk li qed jipprotestaw, x'tikkonkludi fuq xi kwalità ta' nies kienu?
2. Xi kliem juża l-awtur biex joħloq tensjoni meta beda jittrakka l-vapur bl-annimali?
3. Taħseb li l-awtur ixaqleb lejn xi naħa f'din is-silta? Lejn liema naħa?
4. Kif tfisser l-ewwel dehra tax-xadini, l-iljunfanti u t-tigri hekk kif infetħet il-bieba tal-vapur?

**Ċ. Diskussjoni fuq Stampa.** (4 minuti, 5 marki)

Mal-eżaminatur/eżaminatriċi se tiddiskuti din l-istampa t'hawn taħt. L-eżaminatur/eżaminatriċi j/tista' j/tagħmillek xi mistoqsijiet biex j/tgħinek tiżviluppa l-argument/ħsieb tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.

**Ħielsa jew Maqfula?**



*(Sors: www.shutterstock.com)*

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 2-3 |
| DATA: | 9 ta’ Mejju 2026 |
| TUL TA’ ĦIN: | Sagħtejn u 5 minuti |

**Taqsima A: Il-Kitba** **(Total: ☐ | 22 marka)**

**Ikteb bejn 270 u 300 kelma fuq WIEĦED minn dawn it-titli:**

1. Inti u sħabek ftehemtu li fi tmiem il-ġimgħa tivvjaġġaw bir-roti u mhux bil-karozzi. Ikteb **rakkont fattwali** dwar dak li għaddejt minnu waqt wieħed mill-vjaġġi tiegħek.
2. Tinsab f’rokna kwieta fejn issib il-paċi, u ħdejk għandek karta u pinna. Ikteb **ittra informali** lil persuna għażiża għalik li fiha tiddeskrivi dak li qed tara u li qed tħoss.
   **L-isem tiegħek**: Mario/Marija Borg – **L-indirizz**: 20, Triq il-Barumbara, Ħal Xluq, XLQ1514.
   **L-isem tal-persuna għażiża**: Sandra/Sandro
3. Il-gazzetta li toħroġ ta’ kull xahar fil-lokalità tiegħek tixtieq tibda ssemma’ leħen ir-residenti. Ikteb **artiklu t’opinjoni** dwar l-ispazji miftuħa f’din il-lokalità.
4. L-editur tal-ġurnal li taħdem miegħu talbek tikteb għall-istampa **intervista** li kellek ma’ uffiċjal tal-protezzjoni ċivili, li permezz tagħha twassal informazzjoni dwar dan ix-xogħol u l-importanza tiegħu.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

**Taqsima B: Il-Qari** **(Total: 22 marka)**

**Belt Spazjali, Esperiment Soċjali u Sfida Ambjentali**



(https://firefly.adobe.com)

Qatt ħsibt li jkollok belt kollha kemm hi tiegħek u li minnha taħdem biex xi darba tikkonkwista l-qamar u pjaneti oħra? Immaġina li tgħix f'post fejn kollox idur madwar il-vjaġġi spazjali, it-teknoloġija u l-ħolm li l-bniedem jilħaq l-istilel.

Hekk irnexxielu jagħmel Elon Musk, li llum għandu din il-belt spazjali li tinsab f'Boca Chica, Texas. Huwa ġie ispirat mill-awturi tal-fantaxjenza favoriti tiegħu ta' tfulitu, Isaac Asimov u Robert Heinlein, li dejjem ħeġġewh jimmagina futur barra mid-dinja.

Starbase, hekk jisimha din il-belt, hi mibnija fuq art ta' 1.6 mil kwadru. Fil-belt jinstab kumpless kbir li jospita l-proġett *Starship* li għandu l-għan li jwassal nies u tagħmir lejn il-qamar u l-pjaneta Marte. Barra minn hekk, issib vilel żgħar, skola, bar bl-isem *Occupy Mars*, spazji vojta, parkeġġi kbar u servizzi mediċi. Ma jonqosx bust ta' Musk li dan l-aħħar spiċċa fil-mira u sarulu xi ħsarat bħala forma ta' protesta.

Din il-belt hija mmexxija minn sindku u għandha l-awtonomija tagħha. Is-sindku ġie elett mill-283 impjegat ta' Musk li jgħixu f'din iż-żona mwarrba fuq il-fruntiera tal-Messiku. Il-votazzjoni saret b'mod pjuttost informali, bit-telefown jew permezz ta' urni fuq imwejjed tal-piknik fuq il-bajja. Għalkemm 97.7% tal-votanti kienu favur l-inkorporazzjoni tal-belt, ir-residenti tal-inħawi pprotestaw għax beżgħu li jitilfu l-aċċess għall-bajja ta' Boca Chica. Meta l-belt bdiet tkabbar il-kummerċ u l-industrija fuq l-istess art, bdew jiġu affettwati d-drittijiet tar-residenti tal-madwar. Dan għaliex il-kumpanija *SpaceX* għandha l-awtorità li tagħlaq toroq u bajjiet pubbliċi kull meta jkollha xi tnedija jew attività. Ir-residenti tal-madwar u l-attivisti esprimew tħassib dwar il-kontroll personali ta' Musk fuq il-belt u dwar il-proċess tal-inkorporazzjoni li kien iddominat mill-impjegati ta' Musk innifsu u li mhuwiex riflessjoni ġenwina tal-komunità kollha.

Għalkemm il-belt ħolqot impjiegi u investiment fl-infrastruttura, il-kwalità tal-ħajja ġiet affettwata mill-istorbju, il-vibrazzjonijiet u ż-żieda fit-traffiku. Il-preżenza ta' *SpaceX* żiedet il-prezzijiet tal-propjetà u l-kera, u b'hekk ir-residenti oriġinali bdew jiġu mbuttati 'l barra. *SpaceX* tagħmel madwar 25 tnedija fis-sena, fejn rockets jistgħu jisplodu u jikkawżaw ħsara ambjentali bħal tniġġis tal-arja u tal-ħamrija.

Musk qed jippjana pipeline kbir għall-ilma u fabbrika ġdida għall-assemblaġġ tal-vetturi *Starship* li se jieħdu t-turisti lejn Marte u l-qamar. L-għan prinċipali tiegħu huwa li jikkolonizza l-pjaneta Marte.

Kif jgħid il-Malti, "bil-flus tagħmel triq fil-baħar"; illum nistgħu ngħidu li "bil-flus tikkolonizza l-pjaneta Marte!"

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont kif inhu mitlub minnek.**

1. a. Is-silta li qrajt **ma tistax tintuża** bħala:

i. artiklu f'rivista ambjentali.

ii. qari għal feature qasir waqt l-aħbarijiet.

iii. kitba għal rivista letterarja.

iv. artiklu f'gazzetta. (1)

b. Spjega fi kliemek x'teknika qed iħaddem il-kittieb ta' din is-silta fil-bidu nett tagħha sabiex jattira l-attenzjoni tal-qarrej.

____________________________________________________________

____________________________________________________________(2)

2. Minn dak li qrajt f'paragrafu 4, x'taħseb li tfisser "Il-belt... għandha l-awtonomija tagħha."?

____________________________________________________________

____________________________________________________________(3)

3. X'jista' jindika l-fatt li l-votazzjoni saret b'mod informali fuq il-bajja u fost l-impjegati ta' Musk biss?

____________________________________________________________

____________________________________________________________(3)

4. a. Minn dak li qrajt, taqbel mal-mod kif twaqqfet u qed titmexxa din il-belt?

Agħżel: ☐ Iva ☐ Le (1)

b. Spjega r-raġuni għat-tweġiba tiegħek.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________(3)

5. "Il-bust ta' Musk spiċċa fil-mira u sarulu xi ħsarat."

a. X'turina din il-frażi dwar kif Musk iħares lejh innifsu?

____________________________________________________________

____________________________________________________________(1)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

b. X'turina din il-frażi dwar kif jaħsbuha xi wħud dwar Musk?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1)

6. Islet evidenza **WAĦDA** mis-silta li turi li l-proġett ta' Musk se jkompli jikber.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

7. Fil-qosor, ikteb **TLIET** punti dwar kif kont tkun affettwat kieku inti kont wieħed mir-residenti oriġinali ta' Starbase.

a. ______________________________________________________________________

b. ______________________________________________________________________

ċ. ______________________________________________________________________ (3)

8. X'taħseb li hija l-opinjoni tal-kittieb, meta fi tmiem il-kitba jikkummenta u jgħid li "bil-flus tikkolonizza Marte!"?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

**Taqsima Ċ: Il-Metalingwa** **(Total: ☐ / 22 marka)**

Il-kandidati jridu jwieġbu tliet eżerċizzji; eżerċizzju tal-grammatika u żewġ eżerċizzji tas-semantika.

**Il-Grammatika** (12-il marka)

**A.** Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba. **L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Eż. 1. Iz-zokk morfemiku ta' 'jikkalma' huwa:**

a. kalma

**b. <u>kalm</u>**

ċ. kalmanti

d. kalmi

2. 'Dwejra' hija d-diminuttiv ta':
a. drawwa
b. dura
ċ. dar
d. dawra (1)

3. Il-verb 'nħema' huwa:
a. tat-tielet forma
b. tas-seba' forma
ċ. tal-ħames forma
d. tat-tmien forma (1)

4. Il-parteċipju passiv ta' 'tefa' huwa:
a. mitfi
b. jitfa'
ċ. jintefa
d. mitfugħ (1)

5. Il-verb 'ħabbejna' huwa verb:
a. xebbiehi
b. moħfi
ċ. nieqes
d. trux (1)

6. In-nom 'tjubija' huwa:
a. nom mimmat
b. nom tal-aġent
ċ. nom astratt
d. nom tal-pazjent (1)

7. Is-sentenza 'Ma jħossuhomx imwarrba u minsija' hija:
a. fit-tielet persuna maskil singular
b. fit-tielet persuna femminil singular
ċ. fit-tielet persuna plural
d. fit-tieni persuna plural (1)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

8. Il-verb ewlieni li minnu tnissel il-verb 'tkabbar' huwa:
a. kabbar
b. kiber
ċ. mkabbar
d. kbir (1)

9. Il-verb 'sawret' huwa:
a. fl-ewwel forma
b. fit-tieni forma
ċ. fil-ħames forma
d. fl-għaxar forma (1)

10. L-avverbju fis-sentenza: 'Aċċidentalment baqa' dieħel ġo siġra' huwa:
a. aċċidentalment
b. baqa'
ċ. dieħel
d. siġra (1)

11. Il-kelma 'weraq' fis-sentenza: 'Il-weraq kollu nixef' hija:
a. plural
b. farrad waħdieni
ċ. kollettiv
d. għadd imtenni (1)

12. L-għerq ta' 'jgħixu' huwa:
a. j-għ-x
b. għ-x-j
ċ. għ-j-x
d. għ-w-x (1)

13. Il-parteċipju attiv femminil ta' 'tela'' huwa:
a. tielgħa
b. tiela'
ċ. tlajja'
d. telgħet (1)

**Is-Semantika** (10 marki)

**B. (i)** Aqta’ linja taħt il-kelma sinonima ma’ dik li hemm fil-grassett. (5 marki)

**Eż:** 1. Is-surġent (<u>ordna</u>, qal, stieden) lill-kuntistabbli jaqdi dmiru. **(ikkmanda)**

2. Il-pizzar (kebbes, saħħan, tefa) in-nar fil-forn u beda b’ħidmitu. **(qabbad)**

3. L-irġulija titlob li tkun (twajjeb, sinċier, kuntent) ma’ kulħadd. **(onest)**

4. Ħdejn ħabibti kien hemm siġġu (vojt, mimli, imkisser). **(battal)**

5. Wara sena skolastika jibdew il-(waqfiet, festi, btajjel) tas-sajf. **(vaganzi)**

6. Kont qed narah imma f’daqqa waħda (telaq, waqaf, għeb). **(sparixxa)**

**(ii)** Aqta’ linja taħt it-tifsira ta’ dawn l-espressjonijiet skont il-kuntest li qed jintużaw fih.

(5 marki)

**Eż.** 1. Qabel tieħu deċiżjoni dejjem **qis mitt darba u aqta’ darba** għax jiddispjaċik.

a. toqgħodx taħsibha ħafna.
b. għid talba.
ċ. **<u>aħsibha sew.</u>**

2. Hu importanti li f’ħajjitna **ma ndardrux l-għajn li nixorbu minnha**.
a. M’għandna niġġieldu ma’ ħadd.
b. M’għandniex indejqu lil min dejjem ikun ta’ ġid għalina.
ċ. Ma nixorbux ilma kkontaminat.

3. In-nannu dejjem kellu raġun fil-pariri li tani għax **kliem ix-xiħ żomm fih**.
a. Mur żur lill-anzjani għax kultant iħossuhom waħidhom.
b. Agħti kas il-parir tal-anzjani għax dawn għaddew minn ħafna esperjenzi.
ċ. Isimgħu lill-anzjani għax għandhom ħafna tifkiriet.

4. Għandna nagħtu eżempju tajjeb lil uliedna għax **skont iz-zokk il-fergħa**.
a. It-tfal jirriflettu lill-ġenituri tagħhom.
b. Importanti li ma nqaċċtux iz-zokk minn mal-fergħa.
ċ. Isimgħu dak li jgħidulek qrabatek.

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

5. Sewwa jgħidu li **l-ħmar il-magħkus idur għalih id-dubbien** għax dejjem jara x’jinqala'.

a. Id-dubbien beda jmur fuq il-ħmar.

b. Oqgħod kalm meta l-affarijiet ikunu sejrin ħażin.

ċ. Iktar ma tkun f’sitwazzjoni ħażina, iktar l-affarijiet ikomplu jiġu ħażin.

6. Int bħali għad jiġrilek għax **illum jien u għada int**.

a. Fid-dinja kulħadd irid iħabbat wiċċu mas-sabiħ u l-ikrah tal-ħajja.

b. Ħadd ma jista’ joqgħod mingħajr ħaddieħor.

ċ. Għada agħmel dak li għamilt jien illum.

**Taqsima D: Letteratura: Taħriġ fuq test mhux imħejji.** **(Total: ☐ | 22 marka)**

**Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.** **(10 marki)**

**Kollox f'idejn id-Destin**

Rafel kien jemmen fid-destin. Għalih ma kinux jeżistu kumbinazzjonijiet. Id-diżgrazzji ma jiġrux minħabba deċiżjonijiet meħuda ħażin, jew ħtija tal-elementi, jew għax ikun ġara xi ħaġa li f'ċirkostanzi normali ma tiġrix. Għalih kull inċident, mill-iċken liwja tar-riġel sal-akbar traġedja tal-ajru li taf tħallilek mijiet ta' vittmi, hu frott id-destin: għax hekk kien miktub. Kull ġrajja, mill-akbar sal-iżgħar, fil-fehma ta' Rafel, hi bħal dramm li jinħadem fuq il-palk vast tal-ħajja għax xi ħadd ikun ħasbu minn qabel; kull mossa, kull ċaqliqa, kull daħka u bikja, kull waqgħa, kull ħajja li tintemm isseħħ għax tkun inkitbet minn qabel mill-aqwa drammaturgu taż-żminijiet kollha: id-destin. Rafel mhux biss kien jemmen f'din il-qawwa barranija li kellha setgħa kemm fuq il-bniedem kif ukoll fuq il-ħolqien, iżda wkoll li huwa kien wieħed minn dawk il-ftit magħżula biex ibassru u jħabbru t-toroq li d-destin ikun għażel.

Meta minn żmien għal żmien kien jisfa milqut minn xi ħaġa bħalma jiġri lil kull maħluq, kien dlonk idur lejn ta' maġenbu u bil-leħen li kien jixhed li tabilħaqq kien jemmen dak li kien qed jgħid kien jistqarr, "Kont naf li ser jiġri hekk!" U billi ħadd ma kien ġo moħħu, ħadd ma kien jazzarda jmerih jew jittanta jwaqqagħlu kliemu. Kien hemm uħud li kienu jsemmuh u kien hemm oħrajn, il-biċċa l-kbira, li kienu jħalluh jgħix fil-fantasija ta' moħħu. Dawn il-fantasiji kien ilu bihom sa minn żgħuritu.

Kien għadu daqsxejn ta' tfajjel meta lil ommu ħabbrilha li ommha, jiġifieri nanntu, ma kinetx se ddum ma tmur id-dinja l-oħra. Ommu ftit li xejn tat kasu, daqsxejn ta' tifel ibassar il-mewt ta' ommha li sa dakinhar kienet għadha tbigħ is-saħħa. Iżda ma laħqitx intemmet is-sena li n-nanna Mena ma qabditx it-triq it-twila.

*(Silta meħuda min-novella "Id-Destin" ta' Laurence Mizzi)*

**Wieġeb:**

1. Ikkummenta fuq it-titlu ta' din is-silta b'rabta ma' kif kien jaħsibha Rafel.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(2)

2. a. Identifika u spjega fil-qosor l-aspett figurattiv minn din is-sentenza: "Kull ġrajja, mill-akbar sal-iżgħar, fil-fehma ta' Rafel, hi bħal dramm..."

______________________________________________

______________________________________________(2)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

b. Analizza l-funzjoni ta' dan l-aspett figurattiv fil-kuntest tas-silta sħiħa.

____________________________________________________________

____________________________________________________________(2)

3. Spjega l-istil ta' narrazzjoni li juża l-awtur Laurence Mizzi f'din is-silta.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________(2)

4. Ikteb dwar l-effett li jinħoloq bl-użu tal-kelma "kull" fid-deskrizzjoni li nsibu fl-ewwel paragrafu.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________(2)

**Letteratura: Il-Komponiment Letterarju** **(12-il marka)**

Il-Kandidati jridu jwieġbu mistoqsija **WAĦDA** li tista' tkun jew mill-antoloġija **Hemm Art fil-Folja** jew mill-antoloġija **Bejn Ħaltejn**

Agħżel mistoqsija **WAĦDA** u ikteb madwar 200 kelma.

**Hemm Art fil-Folja**

1. Analizza s-simboliżmu tal-farrett fin-novella "Farrett" ta' Rita Saliba.

**JEW**

2. Iddiskuti l-aspetti awtobijografiċi li nsibu fix-xogħlijiet "Waħdi" u "Żagħżugħ ta' Dejjem" ta' Dun Karm Psaila.

## JEW

**Bejn Ħaltejn**

1. Ir-realtà soċjali toffri sfidi ħorox għal dawk l-individwi li jixtiequ jintegraw fis-soċjetà. Uri kemm dan huwa minnu b'referenza għax-xogħlijiet letterarji 'Refuġjata' u 'Il-Koranta', li nsibu fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.

**JEW**

2. "Il-Ħarsa ta' Rużann" huwa rumanzett li jittratta t-tema soċjopolitika. Iddiskuti dan b'referenza għar-rumanzett.

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

Paġna Vojta

# Paġna Vojta